**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq il-Profs. Ġużè' Aquilina
Il-Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 17/13(24_04_13).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar l-Erbgħa, 24 t' April 2013, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fis-7.00 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Ryan Debrincat - Viċi-Sindku.
Is-Sur Saviour Spiteri - Kunsillier.
Is-Sur Robert Mallia - Kunsillier.
Is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fis-17 t' April 2013.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Approvazzjoni tal-Financial Statements 2012.
6. Festa 2013 ta' San Pawl Nawfragu, Il-Munxar.
7. Xogħlijiet fil-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi.
8. Proġett Eco-Gozo – Tisbiħ tal-Pjazza tal-Knisja, Il-Munxar.
9. Skema PPP – Toroq Il-Munxar u Ix-Xlendi.
10. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.
11. Rapport tas-Sindku.
12. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
13. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
14. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva Memo 6/2013 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Awguri u Ringrazzjament tas-Servizz li tajtu lill-Komunita`'.

2.02 Il-Kunsill irċieva Memo 7/2013 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Ftuħ tal-Uffiċini tal-Kumitati Reġjonali, tal-Kunsilli Lokali u tal-Kumitati Amministrattivi s-Sibt, 30 ta' Marzu 2013 – Sibt il-Għid'.

2.03 Il-Kunsill irċieva Memo 8/2013 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward ‘Direzzjoni dwar l-Ewwel Laqgħa tal-Kunsill Lokali’.

2.04 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward ‘Premjijiet Nazzjonali għal Appoġġ lill-Intrapriża 2013’.

2.05 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed titwassal korrispondenza rigward reklutaġġ u ingaġġ ta’ *personnel* fis-Servizz Pubbliku u f’organizzazzjonijiet fis-Settur Pubbliku.

2.06 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari AKL Ċirk 26/2013 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li hija rigward il-Laqgħa għas-Sindki u Viċi-Sindki, fil-31 ta’ Mejju 2013 fil-Lukanda Calypso, Marsalforn.

2.07 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Bank Ċentrali ta’ Malta rigward ‘The Europa series – the second series of euro banknotes’.

2.08 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand ir-Reġjun Għawdex rigward ‘Local wardens for traffic management services’.

2.09 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari AKL Ċirk 22/2013 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn qed titwassal *e-mail* mingħand il-Kura Primarja tas-Saħħa rigward ‘Health talks on breast and colorectal cancer screening at local councils’.

2.10 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali l-Aġenda għal-laqgħa GRISI PLUS - GIS and “Attractiveness” Seminar fit-3 ta’ Mejju 2013 fil-Corinthia Hotel, St George Bay.

2.11 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali Stqarrija għall-Istampa Nru 4/2013 – L-Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

2.12 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Malta Institute of Management (MIM) rigward l-‘eBusiness Seminar’ fit-2 ta’ Mejju 2013, fil-Westin Dragonara Resort, San Ġiljan.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Prokuratur Legali Anthony Stellini fejn qed jiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill peress li meta saru xi xogħlijiet fi Sqaq Daħlet l-Isdieri, fi Triq San Pawl, kienet ingħalqet toqba tal-ilma li minnha kien jidħol l-ilma tax-xita minn Triq San Pawl u li kienu jimlew il-bir minnha. Barra dan il-bir hemm bjar oħra f’dan l-istess sqaq. Għalkemm din it-toqba ilha eżistenti għal ħafna snin, dakinhar li saru x-xogħlijiet tat-tarmak fl-istess sqaq, il-bir qatt ma reġa’ mtela bl-ilma. B’dan l-aġir qed ikun ta’ piż finanzjarju peress li qed jixtri l-ilma bil-bowżer. Is-Sur Stellini qed jitlob lill-Kunsill sabiex din it-toqba ssir mill-ġdid u b’hekk il-Kunsill ikun irranġa s-sors tal-ilma biex ikun jista’ jimtela l-bir. Is-Sur Stellini kien preżenti fil-laqgħa fejn spjega fid-dettall is-sitwazzjoni. Is-Sindku kien ser ikellem lir-residenti ta’ dan l-isqaq sabiex tinstab soluzzjoni.

3.02 Is-Sid ta' Eagle Eye Block ta' Triq Damasku qed jitlob sabiex il-Kunsill jipprovdi l-materjal għall-bankina ta' quddiem il-blokka tiegħu u l-ħaddiema ser ikunu provduti minna. Kien hemm qbil dwar dan.

3.03 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand resident ta' Triq il-Munxar, Il-Munxar. Huwa qed jilmenta li t-traffiku li qed jgħaddi minn din it-triq qed jgħaddi bi *speed* eċċessiv u qed ikun ta' periklu għar-residenti. Peress li t-triq li mix-Xlendi tagħti għal Fontana hija magħluqa, it-traffiku minn din it-triq żdied. Huwa qed jitlob li ssir *road hump* temporanja ta' lanqas sakemm it-triq terġa' tinfetaħ. Il-Kunsill ma jaqbilx li għandha ssir xi *road hump* iżda ser jikkonsidra li jsir xi tip ta' sinjali mal-art.

3.04 Il-Kunsill irċieva stedina sabiex is-Sindku jattendi għal-laqgħa ma' delegazzjoni Ċiniżi li ser iżur il-Ministeru għal Għawdex u tiġi diskussa l-possibilta` ta' koperazzjoni li jinkludi investiment kulturali u ta' Ġemellaġġ. Is-Sindku kien ser jattendi.

3.05 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand sid ta' ħanut fi Triq ir-Rabat, Ix-Xlendi. Huwa qed jiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill li tabella li kienet tindika li l-*bus shelter* li hemm viċin il-Lukanda St. Patrick's m'għadux jintuża, tneħħiet bil-konsegwenza li qed ikun hemm xi turisti jistennew il-*bus* meta l-*bus* ma tgħaddix minn hemm. Ġie deċiż li sakemm din il-*bus shelter* tinqala', jerġa' jsir avviż ieħor.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 17/13(24_04_13).

**5.00 Approvazzjoni tal-Financial Statements 2012.**

5.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-*Financial Statements* għas-sena 2012. Dawn il-*Financial Statements* ġew ivverifikati mill-Awdituri Spiteri Bailey & Co. Għal din is-sena finanzjarja li tagħlaq fil-31 ta' Diċembru 2012, il-Kunsill kien baqalu bilanċ ta' €30,164. Dawn il-*Financial Statements* ġew approvati mill-Kunsill.

**6.00 Festa 2013 ta' San Pawl Nawfragu, Il-Munxar.**

6.01 Il-Kunsill iddeċieda li għal din is-sena jiġi organizzat l-Eku mill-Munxar…dari u llum fil-jiem ta' qabel il-festa, jiġifieri, mill-20 sal-24 ta' Mejju 2013. It-Tnejn 20 ta' Mejju ser isir *Tournament* tal-Futbol, it-Tlieta 21 ta' Mejju ser issir Serata għat-Tfal, l-Erbgħa 22 ta' Mejju ser isir Logħob għall-Familja fil-Pjazza tal-Knisja, il-Ħamis 23 ta' Mejju ser isir Żgħażagħ Fest u l-Ġimgħa 24 ta' Mejju 2013 ser issir serata ta' kant u żfin.

**7.00 Xogħlijiet fil-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi.**

7.01 Ix-xogħlijiet ta' restawr huma lesti u anke x-xogħol fuq *Fire Safety Equipment*, *Fire Alarm*, *Intruder Alarm* u installazzjoni tal-elettriku. Qed jitkompla x-xogħol fuq l-*Interpretation System*, l-*Exhibition System*, *Interactive Walk* u l-*Website*.

**8.00 Proġett Eco-Gozo – Tisbiħ tal-Pjazza tal-Knisja, Il-Munxar.**

8.01 Xi jiem ilu, kienet saret laqgħa bejn il-Perit, il-Kuntrattur, is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv fejn ġie spjegat mill-Perit dwar il-livelli eżistenti u l-livelli proposti bil-proġett. Issa x-xogħol ikun jista' jinbeda ġimgħa wara l-Festa tal-Parroċċa.

**9.00 Skema PPP – Toroq Il-Munxar u Ix-Xlendi.**

9.01 Il-Kunsill għadu qed jistenna l-konferma mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex ix-xogħlijiet f'dawn it-toroq jinbdew.

Peress li kienu saru d-8.45 ta' filgħaxija ġie deċiż li l-laqgħa tiġi aġġornata sabiex titkompla nhar it-Tnejn, 29 t' April 2013, fis-7.00 ta' filgħaxija bl-istess Aġenda.

**Joseph Sultana**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***